Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru. 6/2014

Il-**Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**George Camilleri**

Numru 6/2014

Illum 12 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **George Camilleri**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben George u Helen neé Cassar, imwieled Rabat Ghawdex, fis-17 ta' April 1987, u residenti 'Zernieq', Triq Mro. Dirjanu Lanzon, Rabat, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-Numru 15387(G), akkuzat talli fi Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex nhar il-25 ta' Mejju 2013 ghall-habta ta' 11.40p.m u matul ix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer Maltin:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr l-barra minn xi fond jew dintorni tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzija mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu (Dok. "B"), li hija wahda kompletament nadifa.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u Artikoli 6 u 7(b) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat George Camilleri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti, filwaqt li tordna l-konfiska tal-oggetti kollha li jiffurmaw parti minn Dok. "H", tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita u li tifforma parti minn Dok. "H" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------